

Brussell, 15 ta' Frar 2024  
(OR. en)

6633/24

SOC 111  
EMPL 62  
SAN 87

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka

---

1. Skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' tliet snin.
2. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022<sup>1</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kellhom jinħatru aktar tard.
3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva nomina waħda ta' membru supplenti għad-Danimarka, tal-Kumitat Konsultattiv imġedded, kif tinsab fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 6632/24<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

<sup>2</sup> Test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għaldaqstant jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti wieħed tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka bħala punt "A", u
  - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.